# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

## DR MICHAEL MALLIA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 4 ta' Frar 2002**

**Numru 1**

**Avviz. numru 1613/99mm**

**Ian Attard Portughes ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta Portughes Dry Cleaning Limited**

**vs**

**Patricia Calabretta f'isimha propju u ghan-nom tal-azjenda "Aristoctrat"**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur nomine fl-10 ta' Novembru 1999 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuta li thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba mija u wiehed u sebghin lira Maltin erba u hamsin centezmi (Lm771.54c) dovuti lis-socjeta' attrici ghas-servizz ta' *dry cleaning* u *laundry* ipprovduti minnha fuq talba tal-istess konvenuta matul dawn l-

ahhar xhur u dana kif sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-15 ta' Frar,1999 tal-konsult (Lm15.00) u ta' mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet legali.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta pro et noe fejn eccepiet:

1. Preliminarjament illi personalment ma ghandha taghti xejn lill-attur proprio et nomine.

2. Fit-tieni lok l-attur ghandu jipprezenta prospett li juri l-ammont reklamat minnu u li jikkomprendi id-dokumenti li jiggustifikaw l-ammont mitlub.

3. Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet fuq imsemmija l-eccipjenti ma ghandha taghti xejn lill-attur pro et noe.

Salv ecezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi rrizulta mill-provi illi bejn il-partijiet kien hemm relazzjoni kummercjali regolari li ilha tezisti ghal dawn l-ahhar tlieta (3) jew erbgha (4) snin. Il-konvenuta gieli hallset *cash* u gieli nharget fattura ghax-xoghol illi kienet tibghat ghand is-socjeta' attrici ghat-tindif. Gie esebit prospett biex jiggustifika l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici.

B'nota pprezentata fit-23 ta' Jannar 2002 il-partijiet qablu li jittransigu din il-kawza u talbu sentenza fuq il-bazi tan-nota pprezentata minnhom. Ghalhekk il-Qorti mhux ser tikkonsidra aktar il-meritu u tghaddi biex taghti s-sentenza fuq dak li qablu l-partijiet stess.

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi,

Illi tilqa' t-talba ta' l-attur nomine u tikkundanna lill-konvenuta illi thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mitt lira (Lm500.00) ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha dedotti dovuti lis-socjeta' attrici ghas-servizz ta' *dry cleaning* u *laundry* ipprovduti minnha fuq talba tal-istess konvenuta. Oltre dan mal-hlas ta' hames mitt lira (Lm500.00) fuq imsemmija s-socjeta' attrici ghandha tirrestitwixxi l-libsa tal-konvenuta illi nzammet minnha bhala garanzija tal-hlas dovut lill-istess socjeta'.

Bl-ispejjez illi jibqghu bla taxxa u interessi legali li jibdew jiddekorru mid-data ta' din is-sentenza.

Anthony Zammit
Dep Reg